TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 110/14-F

**Gemma Sammut**

**vs**

**Bargains & Quality – JDS Supplies Ltd.**

Illum 22 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' ħamsa u tmenin ewro (€85), rappreżentanti l-prezz ta' *espresso machine* liema magna ma kinitx tagħmel l-*espresso* kif suppost.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *espresso machine* mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' ħamsa u tmenin ewro (€85), bil-konsegwenza li ma kinitx qed tagħmel l-*espresso* tajjeb.

L-intimat issottometta illi l-*espresso* huwa normali kif isir u li jsir tajjeb, u allura ma kienx hemm bżonn ta' l-ebda rifużjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal ordna esperiment, fejn l-intimat ġab din il-magna ta' l-*espresso* u għamel l-*espresso* quddiem l-arbitru stess u wara li l-arbitru daq dan l-*espresso*, illi fl-opinjoni tiegħu dan l-*espresso* kien tajjeb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**